**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Dicembru 2024**

**<u>Rikors guramentat numru : 66 /2021 AGV</u>**

**JC DG**

**Vs**

**A sive S K**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat** ta' JC DG li ppremettiet is-segwenti:-

1) Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut illi bdiet fis-sena 1999. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt (2) itfal u cioe MK illi twieled fit-2 ta' Marzu 2011 u RK illi twieldet fis-16 ta' Mejju 2015 (certifikat tat-twelid anness u mmarkat **DOK A u Dok B** rispettivament).

2) Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiccat ghal kollox f'Marzu tas-sena 2018 minhabba ragunijiet serji illi ma hallew ebda ghazla lill-attrici hlief li tittermina din ir-relazzjoni.

3) Illi l-partijiet ghexu flimkien ghal madwar ghoxrin (20) sena. Ukoll matul dan iz-zmien ta' konvivenza, l-konvenut ftit li xejn ikkontribwixxa lejn il-bzonnijiet tat-tfal jew tal-hajja tal-kontendenti.

4) Illi l-partijiet ghadhom ma lahqux ftehim dwar il-hlas tal-manteniment mill-konvenut ghall-uliedu – tul il-medjazzjoni l-konvenut naqas ripetutament milli jipprezenta *bank statements* illi juru id-dhul finazjarju tieghu mid-diversi xogholijiet illi huwa jahdem. Illi llum il-gurnata l-konvenut ihallas ghall-htigijiet t'uliedu t-tnejn, is-somma mensili ta' biss erba' mitt Ewro (€400). Illi din hija ghal kollox insufficjenti sabiex tkopri l-ispejjes tal-hajja tal-minuri ahwa K .

5) Illi dina l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Mejju 2020 kienet **<u>fuq talba specifika tal-konvenut</u>** f'dan is-sens u ghad illi l-konvent kien diga qieghed igawdi minn access regolari – illi jkollu access ghall-minuri " *a) Kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn l-erba ta' wara nofsinar*

*(4.00pm) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00pm); b) Kull weekend alternanti bejn il-Gimgha fis-sitta ta' filghaxija (6.00pm) sal-Hadd fis-sitta ta' filghaxija (6.00pm); c) Kull weekend alternanti bejn is-Sibt fis-saghtejn ta' wara nofsinhar (2.00pm) sas-sitta ta' filghaxija (6.00pm)"* (digriet hawn anness u mmarkat **Dok. C**). Illi ghalkemm kellu l-access akkordat lilu l-konvenut - minghajr preavviz ta' xejn - ma kienx jezercita dak l-access u b'dan il-mod l-attrici kienet mgieghla tinkorri spejjes kbar ma' terzi bhala hlas ossija kumpens lill-istess terzi talli huma zammu fil-kura taghhom u kkuraw l-imsemmija minuri fil-granet u l-hinijiet illi l-istess minuri messhom kienu mal-konvenut missierhom skont l-imsemmi digriet moghti fuq it-talba tal-konvenut stess.

6) Illi l-konvenut ghalkemm jhallas ghall-*football* ta' ibnu M , spiss juza dan il-fatt bhala arma kontra l-attrici, meta hija ma tikkoncedix ghat-talbiet spontanji tal-access tieghu. L-attrici qeghda tezebixxi siltiet minn konversazzjoni mal-konvenut fejn ripetutament jhedded "*I'll stop it for him. No problem*" sempliciment ghaliex l-attrici tishaq illi ghandu jimxi mal-hinijiet tad-digriet hawn imsemmi (annessa u mmarkata **Dok D**). Illi l-konvenut jirrifjuta wkoll illi jhallas diversi spejjez ohra ghall-uliedu fosthom sehemu mill-ispejjez tal-lezzjonijiet privati.

7) Illi ghad illi l-attrici qatt ma xeklet l-access tal-konvenut ghall-imsemmija uliedu, **l-istess konvenut kien u ghadu erratiku fl-ezercizju tal-access** u ebda sistema ta' access ma tista' tigi stabilita minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni jew inkonsistenza tal-konvenut nonostante l-imsemmi digriet, **ma' liema digriet l-konvenut jibqa' jinsisti illi ma jridx jaderixxi** ghaliex jallega illi nghata "*without me having the chance to defend myself*" (annessi u mmarkati **Dok E** u **Dok**

**F**). Illi f'dawk id-drabi illi l-konvenut jiddeciedi illi jezercita l-access tieghu billi jiehu lill-ibnu l-*football*, jinsisti illi ma jkunx jrid jiehu lill-bintu R mieghu, b'konsegwenza illi R tispicca ftit li xejn tqatta hin ma' missierha l-konvenut.

8) Illi l-attrici ghamlet li setghet biex tevita proceduri gudizzjarji u ttentat tasal ghal ftehim mal-konvenut.

9) Illi sabiex setghet trabbi lill uliedha, l-attrici kellha tnaqqas il-granet u l-hinijiet tax-xoghol taghha u kif ukoll timpjega ghajnuna ta' terzi sabiex ikollha l-ghajnuna bil-kura tal-minuri, fosthom *full-time nanny*. L-attrici qeghda ghalhekk tbati telf kbir finanzjarju, u dan kollu minhabba l-agir tal-konvenut illi jibqa' jinsisti jaghmel kollox skont il-konvenjenza tieghu.

10) Illi l-attrici tqis illi hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Qorti tiddeciedi dak li huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri, ukoll fl-isfond tac-cirkostanzi tal-partijiet, sew dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri u kif ukoll dwar il-manteniment taghhom.

11) Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet mghoti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Ottubru 2020 u tal-5 ta' Jannar 2021 (anness u mmarkat **DOK G** u **DOK H** rispettivament).

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-

i. Tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri, M u R ahwa K , ulied il-kontendenti, il-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiga fdata lill-attrici ommhom b’ mod illi l-post ta’ residenza tal-minuri tkun mal-attrici ommhom.

ii. Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-htigijiet tal-minuri M u R ahwa K , u dan wara li jitqiesu l-mezzi tal-partijiet, il-htigijiet tal-minuri u l-istil u l-livell ta’ hajja tal-kontendenti.

iii. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta ta’ manteniment ghall-htigijiet tal-imsemmija minuri, M u R ahwa K, illi tigi hekk likwidata.

iv. Tiddikjara illi kemm il-darba l-konvenut ma jezercitax l-access tieghu ghall-minuri hawn fuq imsemmi jew access iehor stabbilit skont il-ligi, l-attrici jkollha l-jedd illi ghal dak il-jum u l-hin illi l-minuri messhom kienu fil-kura tal-missier, il-konvenut, izda ma kienux, tqabbad lill-terzi izommu lill-minuri b’dritt ta’ rifuzjoni minghand il-konvenut tal-ispejjes hekk inkorsi lit-terzi ghall-kura tal-minuri kif inghad, liema ammonti jigu mbaghat likwidati f’gudizzju separat fil mori ta’ din is-sentenza.

v. Tiddikjara illi kemm il-darba l-konvenut ma ezercitax l-access tieghu ghall-minuri hawn fuq imsemmi jew access iehor stabbilit skont il-ligi, l-attrici kellha l-jedd illi ghal dawk il-jiem u l-hinijiet illi l-minuri messhom kienu fil-kura tal-missier, il-konvenut, izda ma kienux,

qabdet lill-terzi izommu lill-minuri b'dritt ta' rifuzjoni minnghand il-konvenut l-ispejjes hekk inkorsi lit-terzi ghall-kura tal-minuri kif inghad, liema ammonti jigu mbaghat likwidati f'gudizzju separat fil mori ta' din is-sentenza.

vi. Tillikwida s-somma mhallsa mill-attrici lill-terzi sabiex jikkuraw lit-tfal tal-kontendenti jew min minnhom ghall-dawk il-granet u l-hinijiet skont id-digriet ossija ordnijiet – dak iz-zmien – fis-sehh il-konvenut kellu access ossija l-kura taghhom.

vii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici b'zieda ma' kull somma pagabbli minnu skont l-eventwali sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti dik is-somma li tigi likwidata kif mitlub fit-talba precedenti.

viii. Tiddikjara illi l-hlas komplessivament maghmul mill-konvenut mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), cioe' mid-data ta' meta l-konvenut telaq mid-dar fejn qabel kien jghix mal-attrici, akkont tal-manteniment tal-imsemmija minuri, sa dakinhar tal-eventwali sentenza jew jum iehor stabbilit appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, kien, tenut kont tal-htigijiet tal-minuri u tal-mezzi tal-partijiet, inadegwat u messu kien aktar, u li hemm lok ghalhekk illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas, ossija jirrifondi, lill-attrici somma illi tkun ekwivalenti ghall-arretrati ta' manteniment illi huwa messu hallas izda ma hallasx, kif hawn spjegat.

ix. B' riferenza ghall-infieq tal-attrici ghall-htigijiet tal-imsemmija tfal minuri, il-mezzi tal-kontendenti matul iz-zminijiet rilevanti, u l-

hlasijiet illi l-konvenut messu ghamel lill-attrici ghall-manteniment tal-imsemmija tfal minuri u dawk li effettivament ghamel, tillikwida l-arretrati ta' manteniment mill-wiehed u tletein (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), cioe' mid-data ta' meta l-konvenut telaq mid-dar fejn qabel kien jghix mal-attrici sad-data illi fiha s-sentenza fuq it-talbiet precedenti ssir *res judicata* jew data ohra appozitament stabbilita mill-Qorti mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita u applikata minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborza lill-istess attrici ghall-hlasijiet maghmula minnha illi messhom saru minnu *in parte* jew *in toto*.

x. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f' dan ir-rigward mill-istess Qorti u b'zieda mal-manteniment li jigi ordnat skont kif mitlub fit-talba numru (iii).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-medjazzjoni, kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir- Risposta guramentata** ta' A *sive SK* fejn eccepixxa s-segwenti :-

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li assolutament mhuwiex minnu dak li tallega l-attrici fil-konfront tal-kontribuzzjonijiet li l-esponent ghamel matul is-snin ghall-bzonnijiet ta' ulied il-partijiet u li ghadu jaghmel

sal-gurnata ta’ llum, liema kontribuzzjonijiet lanqas ma huma limitati ghall-bzonnijiet taghhom ghall-manteniment xieraq u nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni imma jestendu wkoll ghal spejjez arbitrarji ohra li l-esponenti joghgobha titlob minghandu fi skeda li tigi mibghuta lilu mensilment u li tinkludi loghob tal-*Playstation*, zraben, hwejjeg, *parties, gadjets* u elettronici ohra li ftit li xejn jistghu jitqiesu bhala essenzjali, u li xorta wahda l-esponent ma jsib l-ebda diffikulta` li huwa jikkontribwixxi ghalihom, minbarra l-*football* ta’ iben il-partijiet M li ghalih jaghmel tajjeb l-esponent wahdu, u li qatt u fl-ebda hin ma talab xi forma ta’ kumpens ghalih. Illi tenut kont is-suespost, **<u>l-ewwel talba</u>** attrici ghall-kura u kustodja esklussiva tal-ulied, la ma hija gustifikata bil-premessi tal-attrici u manifestament ser jirrizulta li lanqas ma hija fl-interess taghhom.

2. Illi l-esponent ma jsib l-ebda oggezzjoni **<u>ghat-tieni u t-tielet talbiet</u>** purche` l-istess manteniment ikun wiehed gust fic-cirkostanzi, tenut kont tad-dhul tal-partijiet, ghad li matul is-snin li ghaddew kif inghad huwa mhux biss kien ihallas dak li huwa dovut minnu kwantu ghall-manteniment taghhom imma wkoll forom diversi ta’ spejjez ohrajn li joghgobha taghmel ghalihom l-attrici, oltre spejjez ohra li huwa minn jeddu jaghmel favur uliedu li wara kollox m’ghandu l-ebda diffikulta` li jkompli jaghmel, anzi li jaghmilhom minn qalbu. Illi jidher li l-attrici zviluppat fissazzjoni enormi f’dak li l-attrici tassumi fir-rigward tad-dhul, xejn fenomenali, tieghu kif ser jirrizulta, u hija biss din ir-raguni ghalfejn l-attrici ntavolat din il-kawza, mzewqa b’ghadd ta’ gideb li mhux biss mhux ser jigi ppruvat li mhumiex veritieri imma per sfortuna wkoll jipperikola dak li l-partijiet ghal snin twal kienu lahqu akkord fuqu, b’rispett ta’ uliedhom.

3. Illi **r-raba, il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet** ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez stante li ghad li huwa minnu li l-partijiet ghazlu li ma jsegwux, bi qbil bejniethom, id-digriet vigenti stante li dan mhuwiex konsonanti mal-bzonn tieghu li jahdem fi tmiem il-gimgha, ghar-raguni li huwa ghal snin twal ilu jahdem fis-settur tal-*events* – liema xoghol min-natura tieghu jintensifika fi tmiem il-gimgha, il-partijiet ghal xhur shah sabu *modus vivendi* u dak li qieghed jigi allegat f'din l-istanza huwa mnebbah biss minn dak li l-attrici tassumi fir-rigward tad-dhul tieghu, u assolutament xejn aktar. Illi fil-fatt il-partijiet lahqu ftehim li gie operat bejniethom minn tal-anqas sa minn Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn huwa kien qieghed jaccedi ghal uliedu kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn l-erbgha u t-tmienja ta' filghaxija (4PM – 8PM) filwaqt illi jgawdi wkoll access nhar ta' Sibt bejn l-ghaxra ta' filghodu sal-hamsa ta' wara nofsinhar (10AM – 5PM), u weekend shih minn nhar ta' Gimgha sa nhar ta' Hadd filghaxija kull tliet (3) gimghat.

4. Illi fir-rigward tal-istess talbiet, ser jigi ppruvat, anke permezz ta' messaggi mibghuta mill-attrici stess lill-iben il-partijiet li hija fil-fatt tahdem minn dlam sa dlam u spiss tidhol id-dar fis-siegha ta' filghodu – assolutament mhuwiex minnu li b'xi mod naqset il-hinijiet tax-xoghol taghha sabiex taghmel tajjeb ghall-allegati nuqqasijiet tal-esponent u wisq anqas m'huwa minnu li nkarigat lil terzi sabiex jaghmlu tajjeb ghalihom peress illi l-*full time nanny* ilha mpjegata tal-familja tal-attrici sa minn tal-anqas it-twelid ta' binhom – stat ta' fatt li bl-ebda mod immaginabbli ma' wiehed jista` issa jghid li huwa attribwit lill-konvenut ghal xi allegat nuqqas ricenti!.

5. Illi **t-tmien talba** ghandha wkoll tigi michuda stante li mhux biss ser jirrizulta li b'zieda mal-manteniment l-esponent ihallas ghadd ta' spejjez ohra, flimkien mal-attrici, u anke wahdu, imma wkoll li l-mezzi tieghu huma tali li ma jippermettux aktar zieda fil-kontribuzzjonijiet tieghu u *li in ogni caso* dan l-istess ammont gie in oltre maqbul bejniethom. Illi huwa car li jekk il-kontribuzzjonijiet kollha li jaghmel l-esponent oltre l-manteniment xorta wahda mhumiex bizzejjed, allura dik li ghandha tigi ndirizzata hija problema ta' natura differenti.

6. Illi tenut kont tas-suespost **id-disa` u l-ghaxar talbiet** ghandhom ukoll jigu michuda stante li ma hemm l-ebda arretrati x'jithallsu u dana peress illi minbarra l-manteniment miftiehem bejniethom, kull xorta ta' spiza ohra giet diviza ugwalment bejniethom, b'rizerva ghal spejjez ohra li l-esponenti minn jeddu jaghmel tajjeb ghalihom fis-shih.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il-kontro-talba tal-Konvenut fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi kif gia' stabbilit permezz ta' rikors guramentat il-partijiet ghandhom zewg ulied, M u R ahwa K , imwielda fl-elfejn u hdax (2011) u fl-elfejn u hmistax (2015) rispettvament.

2. Illi l-konvenut rikonvenzjonant bi proceduri ta’ medjazzjoni li ntavola huwa stess kien irrikorra ghall-dawn il-Qrati sabiex jassikura access denju ghal ulied il-partijiet. Ghad li llum l-attrici tipprova tghid mod iehor, il-fatt ser juru li l-attur kellu jirrikorri ghal dina l-procedura ghaliex ghal ragunijiet li tafhom hi, u li min-natura tat-talbiet tal-kawza odjerna l-esponent jista` issa biss jispekola dwarhom, cahdet lill-ulied mill-kuntatt ma’ missierhom minghajr l-ebda raguni valida, tant illi sussegwentement l-access gie regolat permezz ta’ digriet anness flimkien mar-rikors guramentat intavolat mill-attrici, immarkat bhala Dok. C.

3. Illi minkejja li l-access huwa stabbilit permezz tad-digriet suindikat, il-bzonnijiet tal-esponent illi jahdem matul tmiem il-gimgha ddettaw cirkostanzi li fuq l-iskorta taghhom, ghal kontrarju ta’ dak allegat fl-istess rikors guramentat, il-partijiet qablu fuq skeda t’access differenti minn dik attwalment ordnata lill-partijiet.

4. Illi dawn il-fatti issa qieghdin jigu mmanipulati sabiex ix-xewqa tal-omm li jigi awmentat il-manteniment espressa fil-medjazzjoni, minkejja li d-dhul tieghu ma jippermettix hlasijiet oltra minn dawk li gia’ qieghed jikkontribwixxi ghalihom l-esponent ghat-trobbija ta’ uliedu li bl-ebda mod m’huma limitati ghal dak necessarjament essenzjali, tigi milhuqa b’din l-istanza.

5. Illi l-partijiet qablu wkoll bejniethom fi ftehim li ilu jigi operat minn tal-anqas sa minn Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin illi l-esponent

ser jerzercita access ghal uliedu kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn l-erbgha u t-tmienja ta' filghaxija (4PM – 8PM) filwaqt illi jgawdi wkoll access nhar ta' Sibt bejn l-ghaxra ta' filghodu sal-hamsa ta' wara nofsinhar (10AM – 5PM), u weekend shih minn nhar ta' Gimgha sa nhar ta' Hadd filghaxija kull tliet (3) gimghat.

6. Illi *essendo* li dawn il-proceduri ser jitrattaw l-elementi marbuta mal-arrangamenti tat-trobbija tal-minuri ulied il-partijiet l-esponent huwa tal-fehma li l-kwistjoni tal-access ghandha wkoll tigi mistharrga stante li kif inghad, id-digriet attwalment vigenti mhuwiex l-arrangament li qieghed jigi segwit mill-partijiet.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Takkorda access lill-esponent, konvenut rikonvenzjonant u missier l-ulied mertu tal-proceduri odjerni a favur l-istess minuri ulied il-partijiet M u R , ahwa K, u dana billi jigbor lill-istess minuri skond il-modalita` u fil-hinijiet hawn indikati, u fin-nuqqas tipprovdi ghal access iehor adegwat favur l-istess ulied.

Salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

**Rat ir- Risposta guramentata ta' JC DG** ghall-kontro talba tal-konvenut datata t-2 ta' Gunju 2021 fejn eccepit is-segwenti:-

1) Illi primarjament l-azzjoni ossija kontro-talba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant hija nulla u nanmissibli billi qieghda ssir minghajr l-awtorizazzjoni methiega skont il-ligi billi z-zmien ta' xahrejn imholli skont il-Ligi sabiex din il-kawza titressaq ghadda u ghalaq.

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-attrici rikonvenzjonata tirrileva is-segwenti:

i) Illi t-talba attrici ghandha titqies bhala wahda straordinarja u cioe bhala wahda ghat-tnaqqis ta' access illi gie moghti fuq talba tal-konvenut rikonvenzjonant stess, izda li qatt ma effetivament ezercita, minhabba disinteress fit-tfal. Din it-talba ghandha titqies bhala derilizzjoni minn naha tal-konvenut rikonvenzjonant tal-obbligi tieghu illi jghin lill-attrici rikonvenzjonata fit-trobbija tal-ulied.

ii) Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez ghandha tigi michuda peress illli hija l-intransigenza u l-pika tar-rikonvenzjonant illi wasslet ghal dawn il-proceduri u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu.

iii) Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi mressqa mill-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attrici tispjega li kienet iltaqghet mal-konvenut fl-1999 u dak iz-zmien kien isseparat u kellu tifla.

   Mill-bidu nett ir-relazzjoni bejniethom ma kinitx wahda facli u dan tattribwih lill-karattru irrazzjonjali u intimidanti tieghu. Is-sitwazzjoni qalbet ghall-ahjar meta t-tnejn li huma kienu telqu l-impjieg taghhom u marru jahdmu ma' kumpanija barranija flimkien.

   L-argumenti ma waqfux u l-istess kien gara meta missierha kien waqqaf is-socjeta' DeeMedia.Tv li hija ghadha tiggestixxi sal-gurnata ta' llum. Il-konvenut kien beda jahdem maghhom u kien jinqala' hafna dizgwid fuq il-mod kif kellha titmexxa dina l-kumpanija.

   L-attrici tishaq li kienu bidlu diversi postijiet fejn kienu jghixu, sakemm fl-ahhar iddecidiet li riedet tixtri l-post taghha u ghalhekk fl-2008 kienet hadet self mill-bank u xtrat proprjeta' f'isimha l-Gharghur. Il-kontribut tal-konvenut lejn l-ispejjez li kellhom kien minimu, ghaliex kien jhoss li la darba l-post kien f'isimha ma kellux ghalfejn jhallas l-ispejjez.

   Inoltre, tispjega li kellu ukoll self fuq xi karozzi, kif ukoll self iehor u manteniment ghal bintu.

   Fit-2 ta' Marzu, 2011, twieled it-tifel taghhom M u meta marret lura ghax-xoghol xi sitt xhur wara, kellha tiddependi fuq l-ghajnuna tal-genituri taghha, sakemm fl-ahhar iddecidew li jibghatuh *daycare*. Tishaq li kwalsiasi spejjez relatati mal-*childcare* u l-bzonnijiet tat-tifel kienet thallashom hi u l-konvenut ma kien jikkontribwixxi xejn.

L-affarijiet bejniethom ikkumplikaw ruhhom meta fl-2013, il-konvenut kien irrizenja minn DeeMedia.tv u mar jahdem f'posizzjoni li kienu offrewlu St.James Cavalier. Hawnhekk spicca jahdem hinijiet twal u ma kienx prezenti hafna sabiex ighinha fit-trobbija tat-tifel.

Fis-16 ta' Mejju, 2015 kellhom tifla R u billi l-konvenut kien impenjat hafna u mhux f'posizzjoni li jghinha kienet iddecidiet bi ftehim mieghu li jimpjegaw *helper,* li rrizulta li ma tantx kienet kompetenti u ta' min joqghod fuqha u ghalhekk spiccat li kellha timpjiega *full-time nanny.*

L-attrici ttenni li wara t-twelid ta' R , iktar ma beda jghaddi z-zmien, iktar bdiet thoss li r-relazzjoni ta' bejnha u l-konvenut ma kinitx miexja 'l quddiem. Bdiet thossha abbuzata finanzjarjament ghaliex il-konvenut ma kienx jikkontribwixxi lejn il-bzonnijiet tad-dar u tal-familja u kienet thallas kollox hi. Anke t-trobbija kienet f'idejha u kellha tibbilancja kollox mix-xoghol, ghat-tfal u l-facendi fid-dar.

Kien ghalhekk li ddecidew li jtemmu r-relazzjoni taghhom u fil-31 ta' Marzu, 2018, il-konvenut telaq mid-dar fejn kienu jghixu flimkien. Tispjega li dak iz-zmien ma kinux waslu ghal ebda ftehim formali dwar l-access u l-manteniment, Il-konvenut kien offra li jhallas €400 fix-xahar bhala manteniment ghall-uliedhom u kienet accettat dak iz-zmien ghax ma xtaqitx kwistjonijiet minhabba uliedhom.

Dwar l-access tghid li dejjem kienet flessibbli u kienet thallih jarahom meta jrid, minkejja li dan ma kienx ta' spiss ghax donnu t-tfal kellhom jidhol fl-iskeda tieghu. Kienet anke thallih jigi jarahom id-dar minflok joqghod johroghom.

Minhabba l-impenji tax-xoghol taghha kellha timpjega *live-in helper* maghhom u kienet qed terfa' ukoll dawn l-ispejjes wahedha. Peress li ma kienx hemm ftehim dwar l-access u l-konvenut kien jigi u jmur meta jfettilu spiccat li kellha tnaqqas il-hinijiet taghha tax-xoghol u dan halla mpatt fuq l-introjtu taghha.

Il-fatt li ma kienx hemm struttura fuq l-access kien qed jikkreja hafna problemi. Kien ikollha tigri wara l-konvenut biex ighidilha x'inhuma l-pjanijiet tieghu ghall-weekend ghal mat-tfal u kien jinformaha hafna drabi sal-ahhar minuta.

Kien anke jopponi li t-tfal ikollhom *sleepovers* ghandu u kien igib skuza peress li kellu kamra tas-sodda wahda. Wara li nzammet seduta l-Qorti fl-24 ta' Gunju. 2021, il-konvenut beda jiehu lit-tfal ghall-sleepovers kull tlett gimghat u dan in segwitu ghad-digriet mahrug mill-Qorti.

F'April, 2020, il-konvenut ipprezenta rikors quddiem dina l-Qorti sabiex jigi ffissat l-access ghall-minuri u dan minkejja dejjem ippruvat takkomodah. Tinnega li kienet icahhdu milli jara lil uliedu u dan ir-rikors gie pprezentat in segwitu ghall-fatt li kienet ikkontestat il-fatt li waqt il-Covid 19, il-konvenut kien jiehu lill-uliedu d-dar fejn

kien ighix, flimkien mal-*partner* tieghu u b'hekk kienu esposti ghar-riskji ta' dan il-virus. Inoltre, kellhom xi jghidu wara li l-konvenut kien tfacca wara l-bieb taghhom u kien aggressiv ma' binhom M .

Tinsisti li hi kienet tipprova tinkoragixxi lill-konvenut sabiex jara lil uliedu.

Sussegwentement, ir-rikors ipprezentat mill-konvenut gie ddekretat fit-22 ta' Mejju, 2020 bil-granet u hinijiet fissi u cioe' kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn l-4 pm sat-8 pm, kif ukoll kull *weekend* b'mod alternat darba bejn il-Gimgha sal-Hadd bejn is-6 pm sas-6 pm u darb'ohra s-Sibt bejn is-2 pm sas-6 pm. Izda madanakollu, ugwalment, il-konvenut ma kienx jaderixxi ruhu mad-digriet u dan ghaliex kien jinsisti li ma kienx inghata d-dritt li jiddefendi lilu nniffsu.

Minn dakinhar li nhareg id-digriet, l-attrici ssostni li l-konvenut qatt m'ottempera ruhu mieghu u jipprova jbiddel skond il-bzonnijiet tieghu, addiritura anke ftit qabel ma' jkollu access. Fil-frattemp, minkejja li dejjem ippruvat takkomodah in kwantu jirrigwarda t-tfal, hu qatt ma koopera maghha meta talbitu biex ibiddel xi gurnata tal-access.

Tispjega li l-konvenut jibghatilha skeda kull xahar fejn jindikalha f'liema granet jista' jara lil uliedu.[1] Tinsisti li l-konvenut dejjem ibiddel il-granet skond x'inhu konvenjenti ghalih. It-tfal jispiccaw jorqdu

[1] Doks. JDS 1 u JDS 3

ghandu darbtejn f'xahar biss u b'hekk ma tantx jirnexxielha taghmel pjanijiet.

Tghid ukoll li meta tfal bdew l-iskola f'Ottubru, 2022, il-konvenut iddecieda li jbiddel il-granet tal-access, tant li qed jarahom iktar nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha.[2]

L-attrici tinsisti li l-konvenut ghandu jsegwi l-access kif iddekretat minn dina l-Qorti u tipproponi li l-hinijiet jigu estizi, b'dana li fil-granet meta t-tfal ghandhom l-iskola, jigborhom direttament il-konvenut u jirritornahom fit-8 pm. Fil-vakanzi tal-iskola ghandu jkollu izjed access, tant li anke jkun hemm il-fakolta' li jorqdu ghandu. Fis-Sajf imbaghad l-access ghandu jigi ezercitat iktar tard.

In kontro-ezami, l-attrici tikkonferma li l-access qed jigi ezercitat skond kif iddekretat, hlief li l-konvenut ma jistax jigbor it-tfal fl-4 pm izda immur ghalihom fil-5.30 pm u ghalhekk biddlu l-hin minflok bejn l-4 pm u 8 pm, issa bejn il-5 pm sad-9pm. Tikkonferma ukoll li jigu lura d-dar lesti mitmughin u lesti biex imorru jorqdu. Dwar il-weekend alternattiv tikkonferma li ilhom ghaddejjin b'dan il-ftehim minn Ottubru, 2023.

Dwar safar tammetti li l-konvenut qatt ma kien johloq problemi.

Tul l-ghoxrin sena li kienu ilhom flimkien, il-konvenut kien juri li kellu attitudni vjolenti u aggressiv kemm maghha kif ukoll mat-tfal u dan halla impatt kbir specjalment fuq it-tifel M  li kellu jigi segwit minn

[2] Doks. JDS 4 – JDS5B

*counsellor* l-iskola. Kien anke zvillupa *twitch* minhabba l-anzjeta' u anke jbati minn *panic attacks*. Dan l-agir mhux dehen ta' missier.

Manteniment

Minn mindu telaq il-konvenut f'Marzu, 2018, l-attici kellha thallas il-maggor parti tal-ispejjez tat-tfal li tikkalkola jammontaw ghal cirka €3,120 fix-xahar[3] u dan l-infiq ma jinkludix mizati tal-iskola, stationery, uniformijiet, kotba, attivitajiet extra-kurrikulari, lezzjonijiet privat u spejjez ta' sahha (mhux koperti mill-BUPA) kif ukoll spejjez tan-*nanny.* Ghal dawn l-ahhar erba' snin il-konvenut ikkontribwixxa €400 fix-xahar ghaz-zewgt itfal u kien ihallas l-ispejjez relatati mal-football tat-tifel Max. In kontro-ezami tghid li sa fejn taf hi l-mizata tal-football kienet ta' xi €420 u dejjem hallashom il-konvenut. Minn mindu l-minuri Ruby bdiet Masquerade dejjem hallset hi u thallas €230 kull *term*. Sal-ahhar li xehdet l-attrici tikkonferma li l-konvenut hallas l-ewwel zewg terms tal-Masquerade u term minnhom gie saldat da parti taghha ghaliex hallset l-istationery tat-tfal ghall-iskola.

Ziedet ukoll il-kalkolazzjoni tal-ispejjez in kwantu jirrigwarda spejjez tat-tfal u tikkalkola li dawn jammontaw ghal €1,847 kull xahar. Ghaldaqstant, stante li ghandha dawn l-ispejjes qed tippretendi li l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas is-somma ta' €900 fix-xahar ghaz-zewgt itfal, kif ukoll nofs l-ispejjez edukattivi (inkluz spejjez tal-privat u extra-kurrikulari) u tas-sahha. Pero' tinsisti li dwar l-ispejjez

[3] A fol. 54

tas-sahha hemm arretrati da parti tal-konvenut kif indikat fid-dokument JDS 7.

Tikkonferma li l-konvenut qed ihallas l-ispejjez tal-football tat-tifel M u sadanittant tixtieq tibghat lil R ghall-attivitajiet extra-kurrikulari izda finanzjarjament huwa difficli ghaliha sakemm ma jkunx hemm zieda fil-manteniment.

Tikkonferma ukoll li l-konvenut qed ihallas ukoll ghan-nofs l-ispejjez edukattivi, kif ukoll ghall-kotba u stationery. Pero' qed jirrifjuta li jhallas l-ispejjes tal-privat tat-tfal li qed ikollha thallashom hi, mentre l-konvenut ikompli jghix hajja lussuza u anke recentement xtara dghajsa u jixtri affarijiet luzzusi ghat-tfal li m'ghandhomx bzonnhom.

In kontro-ezami tispjega li l-konvenut ihallas il-lezzjonijiet tal-arti tal-minuri R, filwaqt li hi thallas il-lezzjonijiet tal-Malti tal-minuri M.

F'affidavit ulterjuri, l-attrici esebit prospett li jindika d-depoziti bankarji, kif ukoll l-introjtu tal-konvenut bejn is-snin 2018 u 2021 (Dok. JDS6), kif jirrizultaw mill-kontijiet bankarji li gew esebiti f'dawn il-proceduri. Dawn hejjithom flimkien mal-accountant taghha Alan Fiorini.

<u>Arretrati ta' manteniment</u>

A bazi tal-kalkolazzjonijiet li ghamlet, tirrileva li l-konvenut ghandu jhallasha arretrati ta' manteniment fl-ammont ta' €46,680 (anke

wara li tnaqqas l-ammont ta' €400 kull xahar li hallas il-konvenut bhala manteniment).

Mizjud ma' dan qed tippretendi €2,062 bhala spejjez tal-privat ma' Nicole Sapiano ghall-perjodu bejn is-6 ta' Novembru, 2020 sa Settembru, 2021, Il-kontribut tal-konvenut huwa ta' **€1, 031.**

L-ispejjez tal-*full time nanny* tul dawn l-ahhar erba' snin jammontaw ghall-**€36,400** minn meta telaq il-konvenut. L-attrici tinsisti li kellha timpjega dina n-nanny peress li l-konvenut qatt ma ppartecipa fit-trobbija ta' uliedu u kellha tahdem hi sabiex tghin lill-familja. Tammetti ukoll li missierha kien ighinha b'dawn il-hlasijiet. Ghalhekk, l-attrici qed tippretendi li k-konvenut jikkontribwixxi ghal nofs dawn l-ispejjes li jammontaw ghal **€18,200.**

B'hekk it-total ta' dawn l-arretrati jammontaw ghal €**65, 911.**

B'referenza ghad-dokument esebit mill-konvenut SK7 fl-24 ta' Mejju, 2022, fejn hemm indikat "9$^{th}$ April sal-19 ta' Mejju, 2022" tghid li ma thallsux kollha mill-konvenut u ghad hemm hlasijiet li ghadhom pendenti. Kien ghad hemm ukoll bilanc ta' €224 mil-lista ta' qabel.

Ipprezentat ukoll prospett fejn indikat iktar spejjes li ghamlet fir-rigward tat-tfal u li ghadhom ma hallasx il-konvenut u dan ghall-perjodu bejn l-14 ta' Settembru, 2021 u t-12 ta' Frar, 2023 fejn hemm

bilanc ta' €3,259.36, liema somma tirrapprezenta sehem il-konvenut.[4]

Esebiet ukoll lista tal-ispejjez relatati mal-privat tat-tfal li jammontaw ghal €3,690 minn Novembru, 2020 u qed tippretendi li l-konvenut jhallas nofshom, kif hu qed jippretendi li thallas ghan-nofs l-ispejjez relatati mal-football.[5]

Tammetti li qed isibha difficli sabiex tkampa finanzjarjament, tant li jkollha tirrikorri ghall-ghajnuna minghand missierha jew ohtha ghaliex anke l-paga taghha minn DeeMedia.tv ta' €2,300 ma sservix.

2. **Il-konvenut** ighid li hu u l-attrici marru jghixu flimkien fis-sena 2002 u kienu marru joqoghdu go appartament f'Gwardamangia li kienet tappartjeni lil zitu. Kien kera l-proprjeta' a spejjez tieghu u kien jhallas il-kirijiet hu, kif ukoll hu u missieru kienu qalghu l-proprjeta' mill-qiegh.

   Sentejn wara kienu krew appartament Bahar ic-Caghaq u kienu jaqsmu l-kera.

   Ir-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda facli, partikolarment meta missier l-attrici NDG waqqaf il-kumpanija DeeMedia.tv, fejn impjegaw ruhhom it-tnejn li huma fis-settur tal-produzzjoni ta' materjal vidjografiku u xoghol iehor relatat mal-istess settur. Kien

[4] Dok. JDS 7
[5] Dok. JDS 8

hemm problemi mal-familja tal-attur li ma kinux accettawh peress li kien isseparat mill-ewwel zwieg tieghu.

F'xi zmien l-attrici ddecidiet li riedet tixtri post u ma riditx tikri izjed. Kien taht l-impressjoni li kienu ser jixtru l-post flimkien, izda rrizulta li missier l-attrici kien ha jghinha sabiex tixtri l-post f'isimha u dan peress li ma xtaqux li jkollu sehemhu peress li kellu bint minn zwieg iehor. Sabiex izomm il-kalma kien accetta.

L-istess kien gara meta offra li jiehu sehem fil-kumpanija fejn kien ilu jahdem ghal tmintax-il sena, izda riedu jzommu kollox fil-familja taghhom u rega' zamm il-kwiet.

Ciononostante, jispjega li kien tah il-kontribut tieghu gewwa d-dar tal-Gharghur, fejn xtara xi mobbli ghall-valur ta' €7,500 u dan apparti s-sieghat ta' xoghol manwali li ghamel fil-post.[6] Jinsisti li kien refa' l-piz tieghu f'din id-dar peress li kien jhallas hafna mill-ispejjez li kienu jinqalghu, spejjez ta' manutenzjoni, spejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma, spejjez ta' xiri, hwejjeg ohra u anke hrug fil-weekend li kien ta' certu livell.

Jispjega li permezz ta' ittra legali mibghuta f'Novembru, 2017 kien intalab li jitlaq mid-dar tal-Gharghur.

[6] Dok. SK 1

Minn meta twieled l-ewwel wild taghhom, jghid li dejjem taha sehemhu fit-trobbija tieghu u anke l-istess ghamel meta twieldet R. Dejjem kien hemm ghall-familja u anke fiz-zmien meta wara li l-attrici welldet lil R u kellha tinzamm l-isptar minhabba li kellha infezzjoni, kien ghamel zmien id-dar mat-tfal. Dak iz-zmien kien jahdem bhala technical director mac-Centru tal-Kreattivita', izda fl-interess tal-familja u f'dak il-perjodu ddecieda li jerga' jimpjega ruhu mas-socjeta' DeeMedia.tv u jitlaq l-impjieg tieghu.

Il-konvenut jirribatti dak li tghid l-attrici billi jsostni li kien ihallas id-*day care* sakemm dawn saru bla hlas, madwar €2500 mizati tal-iskola kull tlett xhur u ghamel zmien ihallas l-ispejjes extra-kurrikulari, football kits u lezzjonijiet tat-tennis, izda jammetti li kien hemm zmien fejn kellu jwaqqfhom peress li ma setax ilahhaq ghaliex lezzjoni wahda kienet tiswa' €33.

Jzid ighid li kien ihallas ukoll nofs l-ispejjez li kienu relatati mal-bzonnijiet tat-tfal mill-hwejjeg, loghob tal-playstation, rigali tal-parties u kwalsiasi haga li kienet tinqala'.

Meta ddecidew li jtemmu r-relazzjoni taghhom f'Marzu, 2018 kienu ltaqghu sabiex jaslu ghall-ftehim fuq it-tfal u kienu qablu, li apparti dawn l-ispejjez li l-konvenut semma' li kien qed jhallas ukoll €200 fix-xahar ghal kull wild.

Wara li telaq jghix ghar-rasu kien beda jikri diversi appartamenti u kien kuntent meta kera il-Gharghur, vicin it-tfal b'kera ta' €700 fix-xahar, izda meta kien hawn il-Covid, ix-xoghol tieghu ha daqqa ta' harta u ghalhekk kellu jitlob lil zitu sabiex jerga' jmur joqghod

Guardamangia ghaliex ma setax jaffordja l-kirja. Dak iz-zmien kien anke jwassal lit-tfal l-iskola, izda mbaghad l-attrici ddecidiet li twaqqfu milli jaghmel dan.

Jghid li l-attrici tghaddilu lista b'diversi spejjez li taghmel, mhux biss limitati ghall-edukazzjoni u sahha li jsostni li dejjem hallas.[7]

Jispjega li kien qieghed jezercita access kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4 pm u t-8 pm u bejn l-10 am sal-5 pm kull nhar ta' Sibt. Kull tlett gimghat ftehmu li jkun hemm *sleepover* mieghu mill-5 pm tal-Gimgha sal-Hadd fl-istess hin. Minhabba li xoghol illum huwa fil-qasam ta' attivitajiet tal-massa, li generalment jilhqu l-qofol taghhom fil-weekend, ma jistax jaccetta li t-tfal ikollhom *sleepover* kull weekend, peress li ma jistax jirrifjuta x-xoghol, wara li ghamel zmien fejn xoghol qala' daqqa ta' harta.

Apparti l-manteniment li jhallas jikkonferma li johrog cirka bejn €600/700 fix-xahar ghall-uliedu. Ihallas permezz ta' Revolut peress li l-attrici ma riditux li jhallas fil-kontijiet bankarji taghha minhabba li kien qed ikollha diffikultajiet finanzjarji, minkejja li l-mod kif kienet tghix l-attrici ma kienx jirrifletti dan.

Jikkonferma li llum, jahdem *full-time* mal-agenzija Festivals Malta u dan minn Gunju, 2021 kif ukoll ghandu sehem fil-kumpanija Act FX Malta Limited (C 85676), kumpanija li tispecjalizza fl-ispecial effects,

[7] Dok. SK 2

liema kumpanija jghid li tul l-ahhar xhur ghamlet telf ta' cirka €50, 000. F'din il-kumpanija jghid li hemm erba' azzjonisti, fosthom hu. L-invoices johorgu fuq il-kumpanija, izda jzid ighid li hu VAT exempt. Jikkonferma ukoll li jekk il-kumpanija tkun ghaddejja b'telf ix-xoghol li jaghmel ghaliha jaghmlu b'xejn. Izid ighid ukoll li jaghmel xoghol iehor ta' events coordinator.

Ipprezenta payslips tax-xoghol tieghu mal-agenzija Festivals Malta.[8]

Minhabba li qabel kien jahdem fis-settur tal-attivitajiet socjali tal-massa, li minhabba l-pandemija prattikament huwa settur li gie meqrud, beda japplika ghall-*wage supplement* li offra l-Gvern ta' Malta.

Minkejja dan kollu jghid li qatt ma naqas milli jhallas manteniment. Ipprezenta ukoll statements tal-Bank of Valletta plc, Revolut u l-APS sabiex juri l-posizzjoni finanzjarja tieghu.[9] Ipprezenta ukoll lista tal-ispejjes li l-attrici kienet qed tippretendi li jhallas, oltre l-manteniment.

Rigward ir-relazzjoni tieghu mat-tfal jikkunsidra li dejjem kien missier *hands on* u kien involut fit-trobbija taghhom. Ighid ukoll li l-attrici tiggestixxi negozju tajjeb u jkollha hinijiet twal ix-xoghol anke sat-tard, tant li jkollha thalli lit-tfal man-*nanny* jew mal-genituri taghha, izda jghid li sakemm ikunu man-nanny ikun fi kuntatt maghha.[10] Illum jikkonferma li t-tfal m'ghadx ghandhom *nanny.*

---

[8] Doks. SK 1 u SK2
[9] Doks. SK3, 4 u 5
[10] Dok. SK 3

Il-konvenut jammetti li xtaq li waslu ghall-ftehim bejniethom u kien anke pprova jimmedja missier l-attrici ad insaputa taghha u fil-fatt kienu skambjaw diversi messaggi bejniethom.[11]

Fil-fatt jammetti li huwa dispost li jzid il-manteniment ghal €550 fix-xahar, ghaz-zewgt ulied, jibqa' jhallas l-ispejjes li jirrizulta fil-lista li tghaddilu l-attrici kultant zmien, l-ispejjes extra-kurrikulari, uniformijiet tat-tfal, parties tat-tfal, hwejjeg ghall-istess tfal, medicini, libsa tal-precett. L-ispejjes tal-futbol tat-tifel jikkonferma li jhallashom hu. Jikkonferma li kien bghat dina l-proposta permezz ta' email lill-attrici.[12] Sabiex jittransigu kien anke dispost li jibda jraqqad lit-tfal fil-weekends, b'mod alternattiv.

In kontro-ezami l-konvenut ikkonferma li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha qedghin jinqassmu bejniethom u prezentenment kien ghadu ma hallasx is-sehem tieghu tal-mizati tal-iskola. B'kollox il-mizati ghaz-zewgt itfal jammontaw ghal €12,000 kull disa' xhur.

L-ispejjez relatati mal-futbol tat-tifel jikkonferma li jhallas kollox hu fejn il-mizata hija ta' €420. Dwar l-ispejjez tal-privatijiet kultant jaqsmuhom u xi kultant thallashom l-attrici. Dwar R  ighid li jhallsilha €20 kull lezzjoni tal-arti li tattendi. Prezentement qed tattendi ukoll lezzjonijiet tal-gymnastics u jghid ma jafx jekk ghal dawn hemmx xi fees. Il-flus tal-manteniment u privati jghaddihom direttament lill-attrici, filwaqt l-ispejjez tal-futbol ihallashom direttament hu. Meta t-tfal ikunu mieghu jhallsilhom l-ikel ukoll u jehodhom lura ghand

[11] Dok.SK 4
[12] Dok. SK

ommhom mitmughin. Fil-fatt ipprezenta statements tar-Revolut u l-cards tieghu sabiex juri l-infiq tieghu fir-rigward tat-tfal.[13]

Jispjega li kellu jbiddel ix-xoghol tieghu, fejn kien jahdem mal-Festivals Malta, ghaliex l-impenji tieghu, partikolarment fil-weekends, kienu qed jikkagunaw problemi sabiex jezercita l-access tieghu ghall-uliedu. Ghalhekk kien hemm opportunita' li jmur jahdem mal-Yachting Malta u gie ttrasferit hemmhekk, izda gara li peress li l-grad tieghu li kellu mal-Festivals Malta ma kienx jezisti Yachting Malta, spicca li tilef paga ta' cirka €4,000 fis-sena. Ipprezenta d-diversi *payslips* sabiex jissostanzja dan il-paragun.[14]

Il-problemi kienu li l-events li kien jorganizza mhux dejjem kienu jhalluh jiehu lit-tfal ghax *per caso* jkun hemm l-alkohol jew ikollu xi *press conference* fejn it-tfal ma jistghux jattendu. Illum jispjega li x-xoghol li ghandu ma jinvolvix daqshekk *events* u ghalhekk huwa iktar flessibbli, izda gieli jkollu jitlob lill-attrici sabiex ibiddlu l-granet u hafna drabi ma jkunx hemm problemi. Illum jammetti li m'ghadux jitlob tibdil daqshekk frekwenti kif kien qabel. Jispjega pero' li huma t-tnejn jirnexxilhom isibu " a give and take situation."

Dwar il-fatt li l-attrici jkollha tissellef il-flus minghand il-genituri taghha, ighid li ma jemminx dan il-fatt, ghaliex l-attrici ssiefer ta' spiss u jekk ghandha problemi finanzjarji dan ma jidhirx.

[13] Dok. KS 1
[14] A fol. 394

Fl-ahhar jikkonferma li mal-attrici ghandu relazzjonijiet tajbin u anke jidhol ghandha u jghin lit-tfal bil-homework, izda fl-istess waqt it-tnejn li huma ghandhom il-hajja privata taghhom. Illum ftehmu ukoll li t-tfal jehodhom gimgha iva u gimgha le.

Bhala dhul tieghu in kontro-ezami jikkonferma li kull xahar jaqla' bejn €1,600-€2,000, bis-somma ta' €1,600 mill-impjieg tieghu u cirka €400 mix-xoghol tieghu li jaghmel apparti, izda l-introjtu tieghu fix-xahar qatt ma jeccedi l-elfejn Ewro.

L-ahhar li xehed il-konvenut ikkonferma li prezentement qed jahdem mat-Transport Malta u bhala paga jaqla' €1,600 f'idejh.

Jikkonferma ukoll li kien xtara karozza, li ghadha mhux imhallsa Peugeot 3008 u kien taha lura lid-dealer u gab karozza ohra b'valur ta' €15,000 u qed ihallas €350 fix-xahar.

3. **Joanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li f'isem il-konvenut irrizultawlha zewg kontijiet bankarji li ghadhom miftuhin, wiehed kont kurrenti[15] u l-iehor kont savings.[16] Irrizulta li kellu ukoll credit card.[17]

4. **Albert Marshall** in rapprezentanza tal-Kunsill tal-Arti jikkonferma li kienu nkarigaw lill-konvenut jew is-socjeta' tieghu Art FX Ltd sabiex jaghti xoghol ta' konsulenza artistika. Ipprezenta dokumentazzjoni dwar il-hlasijiet li saru lill-konvenut jew is-socjeta' Art FX Ltd. Ir-

[15] Dok. JB 1
[16] Dok. JB 2
[17] Dok. JB 3

relazzjoni mal-konvenut tirrizulta minn kuntratt li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2016.

5. **Charmaine Psaila Raji** in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonfermat li kien irrizultalha li l-konvenut kellu *virtual account*, kif ukoll loan personali.[18]

6. **Claudia Diacono**, in rapprezentanza tal-Malta Business Registry ipprezentat informazzjoni dwar ir-relazzjoni tal-konvenut mas-socjeta' Art FX Ltd. Bin-numru tar-registrazzjoni 85676.[19]

7. **Dr. Christopher Spiteri,** in rapprezentanza ta' Trasport Malta pprezenta informazzjoni dwar vetturi li presentement jinsabu ntestati fuq ismu u vetturi li fil-passat kienu ntestati f'ismu.[20]

8. **Michael Savon**a, in rapprezentanza ta' Trasport Malta kkonferma li mir-ricerki jirrizulta li l-konvenut ghandu dghajsa rregistrata fuq ismu bl-isem ta' Windbreaker.[21] M'ghandux dghajsa rregistrata ma' Small Ships Register Malta.[22]

9. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus jikkonferma li l-konvenut ilu jahdem bhala senior officer mal-Festivals Malta Agency mit-8 ta' Gunju, 2021 u ghandu mpjieg ukoll *full-time self-employed* bhala events organiser u beda fl-1 ta' April, 2020. Dan l-impjieg ma jirrizultax mill-*employment history* peress li skond is-sistema

[18] Doks. APS1 u APS 2
[19] Dok. CD 1
[20] Doks. CS 1 u CS 2
[21] Dok. MS 1
[22] Dok.MS 2

taghhom ma jistax ikun hemm zewg *full times* miftuhin u ghalhekk is-*self-employed* jinkwadra bhala li nghalaq provizjorjament.[23]

10. **Charlene Bonnici**, in rapprezentanza tal-Iskola San Anton ipprezentat dokumentazzjoni rigward ir-registrazzjoni tat-tfal M u R fl-iskola u kienu gew registrati mal-Parents Foundation fejn hallsu €1,500.

Rigward l-ispejjez ipprezentat rendikont tal-invoices kollha li hargu u l-pagamenti u hadmet ukoll l-ispejjes sa Dicembru, 2021 minn fejn jirrizulta minn mill-genituri hallas. Il-pagamenti kienu jsiru permezz ta' bank transfer.

Ipprezentat ukoll dokumentazzjoni rigward l-ispejjes taz-zewgt itfal.[24]

11. **DB**, accountant tal-konvenut jikkonferma li tul hames snin, il-konvenut kien ipprezenta *tax return* darba biss, il-bqija kien dejjem ikklassifikat bhala non-filer. Fis-sena bazi 2020, ighid li ghadhom ma pprezentawx it-*tax return* ghaliex qed jahdmu fuqha.[25]

F'xhieda ulterjuri, ipprezentat l-istess prospett tat-taxxa tal-konvenut tas-sena bazi 2020.[26] Jikkonferma li mill-impjieg tieghu dak iz-zmien kien qed jiddikjara €4,300. Mill-VAT numru jirrizulta li kien hemm iddikjarati €38,991 gross u spejjez xejn u dak iz-zmien il-konvenut kien VAT exempt. Bhala net profit gie ddikjarat €26,911 u cioe'

[23] Dok.LB 1
[24] Dok. CB 1
[25] Dok. DB1
[26] Dok. DB 3

hemm €12,000 differenza. Jispjega li l-ewwel €12,000 jigu ntaxxati b'rata differenti u d-differenza tmur fit-*tax return.*

Wasal ghal dawn il-kalkolazzjonjiet mill-kontijiet bankarji tal-konvenut, pero' dwar kotba jghid li m'ghandux access ghalihom u wisq probabbli jghid li l-konvenut m'ghandux.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi l-attrici qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li l-konvenut fil-premessi tal-kontro-talba tieghu jitlob biss li jigu ffissati l-modalitajiet tal-access.

Minn mindu l-partijiet temmew ir-relazzjoni taghhom fl-2018, it-tfal dejjem baqghu fil-kura u kustodja tal-attrici u donnu dejjem kien hemm dan l-intendiment. Minkejja ammont zghir ta' dizgwid il-partijiet dejjem irnexxielhom b'xi mod jaslu ghall-ftehim u huwa hasra li spiccaw il-Qorti peress li jidher hafna drabi l-partijiet juru maturita' fid-decizjonijiet li jittiehdu fil-konfront ta' uliedhom.

Mill-provi ukoll jirrizulta li l-kontendenti huma kapaci li jiehdu decizjonijiet flimkien minghajr intoppi in kwantu jirrigwarda l-attivitajiet extra-kurrikulari. Di fatti, il-konvenut huwa dak li jiehu lill-minuri Max ghall-futbol u jiehu hsieb li jhallas il-mizati tal-istess klabb u anke kwalsiasi spejjes relatati mal-istess attivita'.

Hemm sens ta' kooperazzjoni anki in kwantu jirrigwarda attivitajiet ohra li jikkoncernaw lill-minri R, bhall-arti u anke l-privatijiet li uliedhom jattendu. Mhux ikkontestat li l-konvenut ukoll jaghti l-kontribut lejn uliedu ghal dak li jirrigwarda l-*homeworks* taghhom u dina l-Qorti tinkoraggix dan l-atteggjament u kellu bzonn kwalsiasi genituri li m'ghadhomx flimkien ipoggu l-interessi ta' uliedhom l-ewwel u qabel kollox.

In vizta ta' dawn il-fatturi, dina l-Qorti thoss li l-kura tal-minuri M u R tkun esklussiva ghall-attrici, filwaqt li l-kustodja tkun wahda konguntivament, in kwantu kwalsiasi decizjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari jittiehdu flimkien.

**<u>Access</u>**

Kien inhareg digriet minn dina l-Qorti fit-22 ta' Mejju, 2020, fil-medjazzjoni 336/20 fl-ismijiet inversi, bil-granet u hinijiet fissi u cioe' kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn l-4 pm sat-8 pm, kif ukoll kull weekend b'mod alternat darba bejn il-Gimgha sal-Hadd bejn is-6 pm sas-6 pm u darb'ohra s-Sibt bejn is-2 pm sas-6 pm.

Kien hemm zmien fejn il-kontendenti kienu qed isibu problemi biex il-konvenut jottempera ruhu mad-digriet fuq imsemmi. Il-konvenut jammetti li peress li xoghol fil-maggorparti kien ta' *events organiser* u hafna mill-attivitajiet kienu jinzammu fil-weekend, kien qed isib problemi biex isegwi l-access u jqatta' l-weekend mat-tfal.

L-attrici da parti taghha ilmentat li kien impossibbli ghaliha li thejji pjan u jkollha struttura ma' uliedha minhabba dawn l-intoppi li kien qed ikollha tiffaccja minhabba n-natura tax-xoghol tal-konvenut. Il-konvenut ma jinnegax dan, anzi fil-mori tal-proceduri jammetti li kien irnexxielu jbiddel xoghol billi sar trasferiment mill-Festivals Malta ghall-Yachting Malta, fejn inqas jahdem fil-weekends, izda bil-problema li ghandu paga anqas milli kellu.

Kien hemm zmien fejn il-konvenut iddecieda li jezercita l-access it-Tnejn u l-Erbgha minflok it-Tlieta u l-Hamis kif iddekretat. L-attrici ma kinitx kuntenta b'dina s-sitwazzjoni u bdiet topponi. Il-konvenut spjega x'kienet ir-raguni ghalfejn kien ghamel tibdil fl-access u dan minhabba li kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis, it-tifel minuri M  ikollu l-futbol u kien ikollu jiehu lil R  mieghu, li kienet tispicca tiddejjaq u ma tantx kien qed ikollu *quality time* maghha.

Il-kontendenti jikkonfermaw izda, li minn Ottubru, 2023 irnexxielhom isibu bilanc fl-applikazzjoni tal-access b'dana li qed jinzammu l-granet skond id-digriet, hlief li l-konvenut ma jistax jigbor it-tfal fl-4 pm izda immur ghalihom fil-5.30 pm u ghalhekk biddlu l-hin minflok bejn l-4 pm u 8 pm, issa bejn il-5 pm sad-9pm. Tikkonferma ukoll li jigu lura d-dar lesti mitmughin u lesti biex imorru jorqdu.

Il-weekend imbaghad ikun hemm access b'mod alternat mill-Gimgha mis-6 pm sal-Hadd fis-6 pm.

L-attrici stess tammetti li issa s-sitwazzjoni hiha ferm ahjar ghaliex hemm stabbilita' f'hajjithom u jirnexxielhom jaghmlu l-pjanijiet taghhom.

## **Manteniment**

L-artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla x'ghandha tiehu in konsiderazzjoni dina l-Qorti meta ser tkun ser taghmel il-kalkolazzjonijiet taghha ai finijiet ta' manteniment.

Il-Qorti dejjem ghandha tikkunsidra l-bzonnijiet u l-mezzi ta' min qed jitlob manteniment u l-mezzi tal-persuna li minghandha qed jintalab il-manteniment.

Skond digriet moghti precedentement, il-konvenut kien gie gie ordnat ihallas €400 fix-xahar ghaz-zewgt itfal, kif ukoll li jhallas ghan-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-attrici ipprezentat elenku tad-diversi spejjez li ghandha fix-xahar li tibghat lill-konvenut sabiex jaghti l-kontribut tieghu. Fuq il-kalkolazzjonijiet li ghamlet tikkontendi l-ammont li jhallas il-konvenut bhala alimenti mhuwiex sufficjenti u ghandhu jhallas is-somma ta' €900 fix-xahar ghaz-zewgt ulied, flimkien man-nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

Il-partijiet it-tnejn jahdmu u ghandhom introjtu. L-attrici tahdem ma' DeeMedia,tv fejn minn meta twaqqfet mill-familja taghha dejjem hadmet hemm, izda l-ahhar li xehdet tenniet li qed tfittex impjieg *full-time* peress li dina l-kumpanija ser tigi llikwidata peress li mhix sejra tajjeb. Madanakollu, dina l-Qorti ghandha quddiem biss l-introjtu li l-istess attrici tircievi mill-impjieg taghha ma' DeeMedia.tv. li skond l-FS3's taghha ghandha paga ta' €32,555 gross f'sena u bit-tnaqqis tat-taxxa ghandha ntrojtu ta' cirka €2,200 fix-xahar.[27] Inoltre, mill-Annual Report u Financial Statements tas-socjeta' DeeMedia.Tv Limited jirrizulta li sal-2021 kienet ghamlet profitt ta' €30,192,

[27] Dok. FSS a fol. 258

prattikament izjed mid-doppju li ghamlet fl-2020 fejn ghamlet €13, 747, izda dan kien ukoll il-perjodu tal-Covid 19 fejn kwalsiasi settur kien effettwat minn dina l-pandemija.[28]

Il-konvenut illum ikkonferma li jahdem mat-Transport Malta fejn ghandu paga ta' cirka €2,288 fix-xahar,[29] kif ukoll jahdem *self-employed* minn fejn jiddikjara li jaqla' cirka €400 fix-xahar.

Il-partijiet jikkonfermaw li jaqsmu l-ispejjez edukattivi, fejn il-mizati tal-iskola ta' San Anton, li hija skola indipendenti, diga' huma sostanzjali. Inoltre, jirrizulta li t-tfal ghandhom diversi lezzjonijiet privati li jattendu fejn l-ammonti mhumiex zghar anqas, apparti l-attivitajiet extra-kurrikulari, fejn il-lezzjonijiet tal-futbol u kwalsiasi spejjes relatati mal-istess, bhall-kits, camps u anke vvjaggar jithallsu mill-konvenut.

Mill-provi jirrizulta ukoll li l-konvenut kien ipprova jittransigi mal-attrici u kien offra li l-manteniment izidu ghall-€550 u jibqa' jhallas nofs l-ispejjez edukattivi, tas-sahha, privatijiet u lezzjonijiet extra-kurrikulari.

Il-konvenut ipprezenta rendikont tal-ispejjez li ghandu fix-xahar li jikkonsistu fis-segwenti:-

- Kiri tal-appartament - €450

---

[28] Dok. AF 1 a fol. 292
[29] Dok. ALK 1

- Dawl u ilma - €65
- Mizati tal-iskola - €500
- Diesel - €125
- Ikel - €200
- Manteniment - €400

**Total = €1,740**

Ma' dan jirrizulta li l-konvenut xtara karozza u mizjud ma' dan it-total ghandu pagamenti ta' €342 fix-xahar fuq il-vettura li partat ma' Peugeot. Ghalhekk bhala spejjez ghandu cirka **€1,740 + €342 = €2,082.**

Madanakollu, il-konvenut ma ressaqx ircevuti sabiex jikkonferma li qed ihallas il-kera fuq imsemmija.

Dwar is-socjeta' li jiggestixxi l-konvenut u cioe' Act FX Limited jirrizulta mill-financial accounts ghas-sena bazi 2021 jirrizulta li kien qed imexxi b'telf.[30] Il-konvenut jattribwixxi dawn il-problemi minhabba l-pandemija tal-Covid 19, fejn ix-xoghol tieghu ta' events organiser kien mar lura hafna minhabba l-mizuri mehuda minhabba l-pandemija u hawnhekk dina l-Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenuta, stante li avvennimenti tat-tip li jorganizza l-konvenut ma setghux jinzammu.

[30] Dok. DB 2 a fol. 217

Tenut kont tal-fatt li l-attrici tahdem mas-socjeta’ tal-familja u ghandha paga pjuttost tajba, tenut kont tal-fatt li l-konvenut tah stampa cara tal-mezzi tieghu u l-pizijiet li ghandu, l-ammont ta’ €900 fix-xahar ghaz-zewg minuri huwa wisq sabiex ihallas il-konvenut. Ciononostante, il-konvenut huwa dispost li jhallas €550 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt ulied, izda kienet l-attrici li opponiet ghax qed tippretendi iktar u dina l-Qorti thoss li l-proposta tal-konvenut ghandha tigi akkolta u dan ghaliex minkejja li x-xoghol tieghu ta’ *self-employed* illum irpilja u hemm lok li jmur tajjeb u jekk il-konvenut ippropona zieda fil-manteniment dan huwa ghaliex certament ghamel il-kalkoli tieghu u qieghed f’qaghda finanzjarja li jhallashom.

Ghaldaqstant, <u>dina l-Qorti tvarja l-hlas ta’ manteniment u tawmentah ghall-ammont ta’ €550 fix-xahar</u>, filwaqt li l-partijiet ghandhom ihallsu nofs l-ispejjez edukattivi, tas-sahha, tal-privat kif ukoll dawk extra-kurrikulari, anke jekk fil-kaz tal-ahhar jidher li l-attrici qed thallas l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri R, filwaqt li l-konvenut jiehu hsieb dawk tal-futbol u kwalsiasi spejjez relatati mal-istess. Il-partijiet ghandhom kemm jista’ jkun izommu l-ispejjez indaqs, u jekk kemm-il darba l-hlasijiet in partikolari tal-extra-kurrikulari jwasslu ghad-dizgwid, ghandhom ihallsu n-nofs kull wiehed.

Dwar spejjez medici, peress li jirrizulta li l-attrici ghandha polza ta’ assikurazzjoni medika ghat-tfal mal-BUPA, <u>l-istess konvenut</u>

ghandu jhallas nofs l-istess polza, gialadarba l-ispejjez medici hafna drabi qed jigu koperti minn dina l-polza.

**Arretrati ta' Manteniment**

L-ahhar talba li qed taghmel l-attrici huwa sabiex il-konvenut ihallas diversi arretrati ta' manteniment li kkalkolat li ghandu jghaddilha. Dawn huma s-segwenti ghall-perjodu bejn 2018 sa 2021:-

**i)** Manteniment **€46,680** ikkalkulat fuq €900 li qed tippretendi u wara li naqset l-€400 manteniment fix-xahar li hallas il-konvenut.

**ii)** €2,062 bhala spejjez tal-privat ma' Nicole Sapiano ghall-perjodu bejn is-6 ta' Novembru, 2020 sa Settembru, 2021, Il-kontribut tal-konvenut huwa ta' **€1,031.**

**iii)** L-ispejjez tal-*full time nanny* tul dawn l-ahhar erba' snin jammontaw ghall-**€36,400** minn meta telaq il-konvenut. Ghalhekk, l-attrici qed tippretendi li l-konvenut jikkontribwixxi ghal nofs dawn l-ispejjes li jammontaw ghal **€18,200.**

B'hekk it-total ta' dawn l-arretrati jammontaw ghal €**65,911.**

B'referenza ghad-dokument SK7 esebit mill-konvenut fl-24 ta' Mejju, 2022, fejn hemm indikat "9th April sal-19 ta' Mejju, 2022" tghid li ma thallsux kollha mill-konvenut u ghad hemm hlasijiet li ghadhom pendenti. Kien ghad hemm ukoll bilanc ta' €224 mil-lista ta' qabel.

Ipprezentat ukoll prospett fejn indikat iktar spejjez li ghamlet fir-rigward tat-tfal u li ghadhom ma hallasx il-konvenut u dan ghall-

perjodu bejn l-14 ta' Settembru, 2021 u t-12 ta' Frar, 2023 fejn hemm bilanc ta' €3,259.36, liema somma tirrapprezenta sehem il-konvenut.[31]

Esebiet ukoll lista tal-ispejjez relatati mal-privat tat-tfal li jammontaw ghal €3,690 minn Novembru, 2020 u qed tippretendi li l-konvenut ihallas nofshom, kif hu qed jippretendi li thallas ghan-nofs l-ispejjes relatati mal-football.[32]

Fix-xhieda ulterjuri taghha, l-attrici pprezentat prospett b'dawk l-ispejjez li qed tippretendi minghand il-konvenut ghall-perjodu bejn l-14 ta' Settembru, 2021 u l-31 ta' Marzu, 2024.[33] L-attrici qed tippretendi li hemm kreditu favuriha fl-ammont ta' **€5,799.46.** In kwantu jirrigwarda l-istess dokumenti, il-konvenut jopponi ghall-istess kreditu peress li jinsisti li kien hemm diversi pagamenti li ghamel kif rikjest, kien hemm spejjes ohra li ser jindika li qatt ma gie mitlub ihallashom u apparti minn hekk hemm diversi spejjes li jaghmel hu stess li ma jitlobx flus taghhom, inkluz meta jkunu ghandu ghall-weekend.

Il-konvenut indika liema huma l-pagamenti li jammetti li naqas li jaghmel, kif hemm indikat fid-Dokumenti SK 2024 1 u SK 2024 2[34] li huma s-segwenti:-

a) Bejn l-20 ta' Mejju, 2022 sal-31 ta' Ottubru, 2023 **- €520**

**b)** Bejn 9 ta' April, 2022 sad-19 ta' Mejju, 2022 - **€631.75**

---

[31] Dok. JDS 7

[32] Dok. JDS 8

[33] A fol. 427-435

[34] A fols. 442 – 446

**c)** Diversi lezzjonijiet tal-privat ta’ Ms.Chantelle bejn Frar u Marzu, 2002, kif ukoll MAC payments - **€718**

d) Bejn 20 ta’ Mejju, 2022 sal-31 ta’ Ottubru, 2023 - **€3,490**

It-total ta’ dawn l-ispejjez jammontaw ghall**-€5,359.75** li nofshom irid ihallas il-konvenut li jammontaw ghal **€2,679.87.**

Ghalhekk, in konkluzzjoni, tenut kont ta’ dawn il-kalkolazzjonijiet, il-Qorti tirrileva illi;

a) Dwar il-pretensjoni attrici tal-manteniment, dina mhix ser tigi akkolta in kwantu l-konvenut kien ippropona awment u dejjem irrifjutat;

b) il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta’ **€1,031** bhala spejjez ta’ privat ghand Nicole Sapiano, diment li fil-mori tal-proceduri dawn ma thallsux;

**c)** l-ispejjez ta’ *full-time* nanny peress li t-tnejn li huma kienu jahdmu dak iz-zmien u ghalhekk xi hadd kellu bzonn jiehu hsieb lit-tfal u dan fuq ammissjoni tal-konvenut stess li kien isib problemi biex isegwi l-access kif ordnat mill-Qorti- **€18,000.**

d) Kreditu ta’ **€2,679.87** dovuti fuq spejjez kif ammessi mill-konvenut stess.

B’hekk l-arretrati dovuti fil-konfront tal-attrici jammontaw ghall**-€21,710.87.**

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte billi l-attrici tigi fdata esklussivament bil-kura tal-minuri M u R , filwaqt li l-kustodja tkun wahda konguntiva, b'dana pero' li l-post tar-residenza tal-minuri tkun mal-attrici ommhom.

ii) Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri M u R , skond kif illikwidat u deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Manteniment", u cioe' €550 fix-xahar ghaz-zewg minuri.

iii) Tilqa' r-raba', hames, sitt u seba' talba, biss li qabel l-istess minuri jithallew ma' terzi, l-attrici ghandha l-ewwel tikkomunika mal-genituri taghha sabiex ighinuha bit-tfal, fejn il-minuri kien imisshom access mal-konvenut u l-istess access ma setax jigi ezercitat.

iv) Tichad it-tmien talba kif spjegat u gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Arretrati ta' Manteniment."

v) Tilqa' d-disa' u l-ghaxar talba u tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata u deciza iktar 'l fuq fl-jntestatura "Arretrati ta' Manteniment" fl-ammont ta' €21,710.87.

**Kwantu ghall-kontro talba tal-konvenut:**

Tilqa' t-talba u takkorda access versu l-minuri hekk kif miftiehem bejn il-partijiet, u cioe' Kull nhar ta' Tlieta w Hamis, bejn il-5pm u d-9pm, u b'mod alternat fi tmiem il-gimgha mill-Gimgha fis-6pm ghall-Hadd fis-6pm.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu terz ghall-attrici u zewg terzi ghall-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**